MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 119/1981/1

**Paola armla ta' Marcel Grima f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' uliedha Angela Muscat u Maria Buttigieg, assenti, u Joseph ahwa Grima u b'digriet tat-28 ta' Mejju 1992 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Joseph Grima, Angela Muscat u Maria Buttigieg**

**vs**

**Emmauel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li tghid, li:

" billi l-konvenut ghamel bini f'New Street off Church Street – illum maghrufa bhala Pio Cellini Street, Nadur,

Gozo - u pogga dana l-bini tieghu ma’ proprjeta’ ta’ l-atturi fl-istess triq;

billi l-konvenut ghadu ma hallasx id-dritt ta’ l-appogg dovut lill-atturi;

billi l-konvenut qieghed jippretendi li ghandu jhallas ghal dana l-appogg bir-rati vigenti fis-sena 1972 u mhux bir-rati vigenti f’dana l-ahhar zmien meta sar il-bini u l-appogg;

Talbu, ghaliex il-konvenut m’ghandux:

- jigi kkundannat li jhallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Qorti bhala dritt ta’ l-appogg dovut minnu lill-atturi, ghall-bzonn permezz ta’ periti nominandi;

Bl-imghax legali min-notifika ta’ dan l-att u bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata mill-attrici Paola Grima annessa l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

- illi huwa proprjetarju tal-fond kontigwu ma’ dak ta’ l-atturi liema fond huwa kien qed jibni meta fl-1972 l-awtur ta’ l-atturi l-mejjet Michael Grima bena parapet fuq parti mill-art li fuqha kellha tinbena t-triq u mblokka t-triq b’mod illi l-konvenut mhux biss ma setax ikompli jibni imam anqas biss seta’ jidhol fil-fond tieghu;

- illi l-imsemmi Marcel Grima ghamel dan kontra l-ligi ghaliex kien obbligat li jiftah nofs it-triq quddiem id-dar tieghu qabel ma jibda jibni u ghalhekk il-konvenut flimkien ma’ diversi proprjetarji ohra li kellhom proprjeta’ fl-istess triq ghamlu kawza kontra l-imsemmi Marcel Grima ghad-danni liema kawza ghadha pendenti quddiem dina l-Qorti;

- illi l-konvenut kien lest li jhallas lill-atturi l-valur tal-hajt li mieghu pogga bil-prezz li kien jiswa meta giet imblokkata t-triq u dana ghaliex kieku mhux mhabba l-agir

ta' l-imsemmi Marcel Grima huwa kien jibni fl-1972 u jhallas bil-prezz korrenti f'dik is-sena u hadd ma jista' jiehu vantagg ta' att dolus tieghu stess;

- illi l-konvenut offra lill-atturi l-valur ta' l-appogg bil-prezzijiet tas-sena 1972 skond stima li saret mill-Perit Joseph Dimech u dawna rrifjutaw dana l-prezz;

- illi ghalhekk l-appogg ghandu jigi stmat fuq il-prezzijiet korrenti fis-sena 1972 u mhux dawk korrenti llum;

- illi noltre dan din il-kawza ma tistax timxi qabel l-attrici ma tipproduci l-prokura taz-zewg uliedha assenti.

Rat id-dikjarazzjoni debitament mahlufa flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tal-15 ta' Novembru 1990 mil-liema jirrizulta illi l-attrici Pawla Grima kienet mietet fil-mori tal-kawza u l-Qorti ordnat li ssir l-legittimazzjoni ta' l-atti, liema rikors finalment sar fit-27 ta' Mejju 1992, u ddekretat fit-28 ta' Mejju 1992, li permezz tieghu l-gudizzju gie trasfuz f'isem Joseph Grima, Angela Muscat u Maria Buttigieg;

Rat il-verbal taghha tad-9 ta' Novembru 2004 li fih gie nominat bhala Perit Tekniku l-Perit Arkitett Joseph Mizzi li pprezenta r-relazzjoni fit-3 ta' Gunju 2005 u halfu seduta stante fis-16 ta' Gunju 2006.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti tirrikonoxxi illi l-kawza thalliet titawwal inutilment fuq meritu li ma kienx jikkontjeni diffikultajiet partikolari, la teknici u wisq anqas legali. Difatti mill-lat tekniku kien rikjest biss li jitkejjel l-appogg, u mil-lat legali, kien rikjest li jigi deciz jekk il-hlas ta' l-appogg kellux

jithallas skond iz-zmien meta nbena l-hajt jew skond meta gie esercitat id-dritt ta’ l-appogg. Gara li nghatat importanza ghall-eccezzjoni tal-‘lis alibi pendens’ (ara eccezzjoni numru 4), li mbaghad irrizultat infondata, tant illi l-kawza li maghha kienet ostensibilment konnessa, deciza finalment fl-appell fis-16 ta’ Jannar 1995, u liema fatt qatt ma ngab a konjizzjoni tal-Qorti, baqghet ma gietx esebita, nonostanti li din il-Qorti kienet ordnat li tigi nserita f’dawn l-atti.

Illi r-rilevanza u htiega ta’ din is-sentenza kienet tal-konvenut li fuqha bbaza l-eccezzjonijiet tieghu u mil-liema eccezzjonijiet jidher li kien qieghed jivvanta kompensazzjoni ta’ krediti minhabba allegat agir illecitu mill-awtur ta’ l-atturi u konsegwenti danni rekati lill-konvenut u terzi. Cio’ nonostante l-konvenut baqa’ passiv u m’ghamel xejn biex mank jittanta jissostanzja l-eccezzjonijiet tieghu.

Invece li jinsab dimostrat huwa l-kejl tal-hajt meritu l-kawza u l-prezz tieghu kemm fi zmien meta nbena fl-1972 u kemm meta gie ezercitat l-appogg mieghu fis-sena 1980. Hu ben stabbilit illi l-hlas ta’ l-appogg ghandu jirrifletti nofs il-prezz tal-hajt fiz-zmien meta jigi ezercitat l-appogg. Kwindi l-ammont dovut huwa ta’ Lm205.18 dan ai termini tar-relazzjoni ta’ l-Perit Arkitett nominat, esebita folio 86 et seq.

Fuq dan espost ghalhekk il-Qorti qeghdha issa taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li qeghdha tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut qeghdha tilqa’ t-talba ta’ l-atturi u f’dan is-sens qeghdha tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta’ mitejn u hames liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm205.18), somma hekk likwidata, rapprezentanti dritt ta’ appogg dovut mill-konvenut lill-atturi - bl-imghax legali dekorribli mil-lum sal effettiv pagament.

L-ispejjez fl-intier taghhom jithalsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------